

Brussell, 20 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5382/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2018/0418(NLE)**

**EURODAC 1
ENFOPOL 14
COMIX 19**

NOTA PUNT "A"

| | |
|------------------|---|
| minn: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2) |
| lil: | Kunsill |
| Nru. dok. preċ.: | 15219/19 |
| Suġġett: | Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera fir-rigward ta' aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi - Adozzjoni |

1. Fl-14 ta' Diċembru 2015, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati dwar ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea, minn naħa, u r-Renju tad-Danimarka, ir-Repubblika tal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein, min-naħa l-oħra, dwar il-modalitajiet tal-parteċipazzjoni ta' dawk l-Istati fil-Eurodac għall-finijiet ta' infurzar tal-liġi¹.
2. Wara li tlestew in-negozjati, fit-13 ta' Diċembru 2018 il-Kummissjoni ppreżentat proposti għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi u l-Anness tiegħu².

¹ 14035/15 EU RESTREINT

² 15638/18 u 15626/18 + ADD 1

3. Id-deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-Protokoll ġiet adottata fis-7 ta' Marzu 2019³. Il-Protokoll ġie ffirmat mill-Partijiet fis-27 ta' Ġunju 2019.
4. Fis-7 ta' Marzu 2019, il-Kunsill iddeċieda li jibgħat l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-konklużjoni kif ukoll it-test tal-Protokoll lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu⁴.
5. Fis-17 ta' Diċembru 2019, il-Parlament Ewropew ta l-approvazzjoni tiegħu għad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll.
6. Fil-15 ta' Jannar 2020, il-COREPER ikkonferma l-ftehim dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein rigward l-aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u stieden lill-Kunsill biex:
 - jadotta d-deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-asil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera fir-rigward ta' aċċess għall-Eurodac għall-finijiet tal-infurzar tal-liġi, u l-Anness tagħha, kif jinsabu fid-dokumenti 15783/1/18 REV 1 u 15781/18 + COR 1 (it) (testi finalizzati mill-ġuristi-lingwisti);
 - jiddeċiedi li t-test tad-Deċiżjoni msemmija hawn fuq jiġi ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali.
7. Ir-Renju Unit indika li ser jastjeni milli jivvota fuq din id-deċiżjoni tal-Kunsill.

³ Ippubblikat fil-ĠU L 71, 13.3.2019, p. 5–6

⁴ 6639/19